



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.11.2007  
KUMM(2007) 725 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT  
TAR-REĠJUNI**

**Anċillari mal-Komunikazzjoni “Suq uniku għall-Ewropa tas-seklu 21”**

**Servizzi ta’ interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali ta’ interess ġenerali:  
impenn Ewropew ġdid**

{KUMM(2007) 724 finali}

{SEG(2007) 1514}

{SEG(2007) 1515}

{SEG(2007) 1516}

## WERREJ

1.	Daħla .....	3
2.	Ir-rwol ta' l-UE: Ikunu żgurati regoli komuni filwaqt li tkun rispettata d-diverstià....	3
2.1.	L-ambitu ta' l-azzjoni ta' l-UE.....	4
2.2.	Il-metodu: biex jintlaħqu għanijiet ta' interess pubbliku f'suq uniku.....	6
2.3.	Is-sitwazzjoni partikolari tas-servizzi soċjali .....	7
2.4.	Is-sitwazzjoni partikolari tas-servizzi tas-saħħa.....	8
3.	Il-Protokoll: qafas koerenti għal azzjoni ta' l-UE .....	9
4.	Nimxu 'l quddiem .....	12
4.1.	Il-provvista ta' gwida legali dwar kwistjonijiet trasversali.....	12
4.2.	Il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp ta' politiki speċifiċi għas-settur .....	13
4.3.	Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni .....	15
5.	Konklużjoni.....	15

## 1. DAĦLA

Il-ftehim mill-Kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet rigward Protokoll dwar servizzi ta' interess ġenerali li ser jiġi anness mat-Trattat ta' Lisbona huwa pass deċiżiv biex ikun stabbilit qafas trasparenti u affidabbli ta' l-UE. It-Trattat dwar l-Iffunzjonar ta' l-Unjoni Ewropea il-ġdid se jinkludi wkoll l-Artikolu 14 il-ġdid<sup>1</sup> li jenfasizza r-responsabbiltà konġunta ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri u jistabblixi bażi ġuridika għall-azzjoni ta' l-UE.

Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda jibnu fuq għaxar snin ta' dibattitu dwar ir-responsabbiltajiet ta' l-UE u dwar jekk l-UE għandiex tadotta jew le qafas ewlieni għal servizzi ta' interess ġenerali. Dan id-dibattitu għen sabiex ikunu ġenerati fehmiet konverġenti dwar ir-rwol u l-metodu ta' l-UE rigward servizzi ta' interess ġenerali, b'mod partikolari wara l-White Paper tal-Kummissjoni ta' l-2004<sup>2</sup> u l-opinjoni tal-Parlament ta' l-2006<sup>3</sup>. Irriżulta ftehim ġenerali dwar il-ħtieġa li tkun żgurata ċertezza u konsistenza legali fil-politiki kollha ta' l-UE, filwaqt li tiġi rispettata d-diversità tas-setturi u tas-sitwazzjonijiet. Hemm ukoll rikonoxximent ġenerali tal-ħtieġa li jittejbu l-kuxjenza u l-fehim ġenerali tar-regoli ta' l-UE. Billi jiġi spjegat x'inhu r-rwol ta' l-Unjoni, il-Protokoll iġib iċ-ċarezza u ċ-ċertezza meħtieġa għar-regoli ta' l-UE.

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-fehmiet tal-Kummissjoni dwar dan id-dibattitu, b'mod partikolari fid-dawl tar-risoluzzjoni tal-Parlament u t-Trattat ta' Lisbona. Tagħmel użu wkoll mill-konsultazzjoni pubblika dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali li nbdiel fl- 2006.

## 2. IR-RWOL TA' L-UE: IKUNU ŻGURATI REGOLI KOMUNI FILWAQT LI TKUN RISPETTATA D-DIVERSITÀ

Is-servizzi ta' interess ġenerali jkopru firxa wiesgħa ta' attivitajiet, mill-industriji ta' netwerk il-kbar bħas-servizzi ta' l-enerġija, tat-telekomunikazzjonijiet, tat-trasport, tax-xandir awdjoviżiv u s-servizzi postali, għal servizzi edukattivi, tal-provvista ta' l-ilma, tal-ġestjoni ta' l-iskart, is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali. Dawn is-servizzi huma essenzjali għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u ta' l-intrapriżi u jirriflettu l-mudell tas-soċjetà ta' l-Ewropa. Għandhom rwol ewlieni sabiex jiżguraw koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali ma' l-

---

<sup>1</sup> Emenda għall-Artikolu 16 TKE.

<sup>2</sup> Il-White Paper ta' l-2004 - KUMM(2004) 374, 12.5.2004 - inbniet fuq konsultazzjonijiet u Komunikazzjonijiet preċedenti, b'mod partikolari l-Green Paper tal-Kummissjoni ta' l-2003 - KUMM(2003) 270, 21.5.2003 -, żewġ Komunikazzjonijiet fl-2001 - KUMM(2001) 598, 17.10.2001 u "Servizzi ta' interess ġenerali fl-Ewropa" (ĠU C 17, 19.1.2001) - u l-ewwel Komunikazzjoni dwar dan is-suġġett ta' l-1996 - "Servizzi ta' interess ġenerali fl-Ewropa" (ĠU C 281, 26.9.1996).

<sup>3</sup> Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (A6-0275/2006 tas-26 ta' Settembru 2006) ikkomettat is-sekwenza twila ta' konsultazzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u tal-partijiet interessati li nbdiel bil-White Paper ta' l-2004. Ir-risoluzzjoni tappoġġja l-prinċipji sottostanti u l-azzjonijiet prijoritaji stabbiliti fil-White Paper. Tiddikjara li mhux possibbli li jiġu definiti s-servizzi ta' interess ġenerali b'mod uniformi u ma tagħmilx sejħa għal qafas leġiżlattiv orizzontali wieħed, imma titlob lill-UE u lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, sabiex ikomplu jaġixxu fid-diversi oqsma u setturi ħalli jinkisbu aktar ċarezza u konsistenza tar-regoli ta' l-UE, filwaqt li jkun irrispettat b'mod sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni wkoll taw l-opinjoni tagħhom (CESE/2005/121 tad-9 ta' Frar 2005, CESE/2006/223 tas-6 ta' Lulju 2006 u CDR/2004/327tat-23 ta' Frar 2005).

Unjoni kollha u huma vitali għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-UE f'termini ta' livelli ogħla ta' impjegi, ta' inklużjoni soċjali, ta' tkabbir ekonmiku u ta' kwalità ambjentali.

Għalkemm l-ambitu u l-organizzazzjoni tagħhom jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti skond l-istorji u l-kulturi ta' l-intervent mill-Istat, jistgħu jiġu definiti bħala s-servizzi, kemm ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, li l-awtoritajiet pubbliċi jikklassifikaw bħala li huma ta' interess ġenerali u suġġetti għal obbligi speċifiċi tas-servizz pubbliku. Dan ifisser li hija essenzjalment ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet pubbliċi, fuq il-livell rilevanti, li jiddeċiedu dwar in-natura u l-ambitu ta' servizz ta' interess ġenerali. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiddeċiedu li jwettqu s-servizzi huma stess jew jistgħu jiddeċiedu li jafdawhom lil entitajiet oħra, li jistgħu jkunu pubbliċi jew privati, u jistgħu jaġixxu għal qligħ jew mhux għal qligħ.

Fl-istess ħin, il-fornituri ta' dawn is-servizzi jridu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti fit-Trattat KE u fil-liġi sekondarja ta' l-UE, fejn dawn ikunu applikabbli. Barra minn hekk, meta titqies id-dimensjoni ta' l-UE tagħhom, numru ta' industrij network li jwettqu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali issa huma suġġetti għal direttivi ta' l-UE speċifiċi għas-setturi. Fi sħubija ma' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-UE għalhekk għandha rwol biex tqiegħed f'kuntest il-prinċipji u l-kundizzjonijiet biex jitħaddmu firxa wiesgħa ta' servizzi. Din ir-responsabbiltà kondiviża hija riflessa fit-Trattat u ser tiġi enfasizzata fil-Protokoll dwar servizzi ta' interess ġenerali li ser jiġi anness mat-Trattat ta' Lisbona.

## **2.1. L-ambitu ta' l-azzjoni ta' l-UE**

Skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, l-UE tintervjeni fi ħdan il-kompetenzi fdati lilha mit-Trattat u safejn ikun meħtieġ. L-azzjoni tagħha tirrispetta d-diversità tas-sitwazzjonijiet fl-Istati Membri u r-rwoli ta' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jiżguraw il-benesseri taċ-ċittadini tagħhom u biex jippromwovu koeżjoni soċjali filwaqt li jiggarrantixxu għażliet demokratiċi rigward, fost l-oħrajn, il-livell tal-kwalità tas-servizzi.

Għall-ewwel darba, il-Protokoll jintroduċi l-kunċett ta' servizzi ta' interess ġenerali fil-liġi primarja ta' l-UE filwaqt li t-Trattat KE kurrenti jirreferi biss għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Kif inhuma l-affarijiet issa, jistgħu jintgħarfu żewġ ġabriet ta' servizzi ta' interess ġenerali għal finijiet deskrittivi, f'termini ta' kif jiġu gvernati mir-regoli ta' l-UE:

- *Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali*: il-provvista u l-organizzazzjoni ta' dawn is-servizzi huma suġġetti għar-regoli tas-suq intern u tal-kompetizzjoni tat-Trattat KE peress li l-attivitajiet tagħhom huma ta' natura ekonomika. Fil-każ ta' industrij network kbar li għandhom dimensjoni Ewropea ċara, bħas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, ta' l-elettriku, tal-gass, tat-trasport u s-servizzi postali, is-servizzi jiġu regolati minn qafas leġislattiv speċifiku ta' l-UE. Bl-istess mod, ċerti aspetti tax-xandir tas-servizz pubbliku huma koperti minn leġislażzjoni speċifika ta' l-UE, bħad-direttiva dwar "televiżjoni mingħajr fruntieri". Servizzi oħra ta' interess ekonomiku ġenerali, bħal dawk fil-qasam tal-ġestjoni ta' l-iskart, tal-provvista ta' l-ilma jew tat-trattament ta' l-ilma tad-drenaġġ, mhumiex suġġetti għal reġim regulatorju awtonomu fuq il-livell ta' l-UE. Madankollu, regoli Komunitarji speċifiċi bħal-leġislażzjoni dwar l-akkwist pubbliku, il-ħarsien ambjentali u tal-konsumatur japplikaw għal ċerti aspetti tas-servizz. Barra minn hekk,

numru ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali huma wkoll suġġetti għall-qafas regolatorju stabbilit mid-Direttiva dwar is-Servizzi<sup>4</sup>.

- Servizzi *mhux ekonomiċi*: dawn is-servizzi, pereżempju l-prerogattivi tradizzjonali ta' l-Istat bħall-pulizija, il-ġustizzja u l-iskemi statutorji tas-sigurtà soċjali mhumiex suġġetti għal leġislazzjoni speċifika ta' l-UE, u lanqas mhuma koperti mir-regoli tas-suq intern u tal-kompetizzjoni tat-Trattat. Uħud mill-aspetti ta' l-organizzazzjoni ta' dawn is-servizzi jistgħu jkunu suġġetti għal regoli oħra tat-Trattat, bħall-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

Ta' spiss tqajmet il-kwistjoni ta' kif issir distinzjoni bejn servizzi ekonomiċi u mhux ekonomiċi. It-tweġiba ma tistax tingħata *a priori* u teħtieġ analiżi każ b'każ: ir-realtà ta' dawn is-servizzi ta' spiss hija waħda speċifika u tvarja ferm minn Stat Membru għall-ieħor, u tabilħaqq minn awtorità lokali għall-oħra; il-modi li bihom dawn jiġu provduti qed jevolvu kostantement bħala reazzjoni għal żviluppi ekonomiċi, soċjali u istituzzjonali ġodda, bħal bidla fit-talbiet tal-konsumatur, bidla teknoloġika, il-modernizzazzjoni ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi u d-devoluzzjoni tar-responsabbiltajiet fuq il-livell lokali.

Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni, mhux is-settur jew l-istatus ta' entità li twettaq servizz (eż. jekk l-entità tkunx intrapriża pubblika, intrapriża privata, assoċjazzjoni ta' intrapriżi jew parti mill-amministrazzjoni ta' l-Istat), lanqas il-mod li bih tiġi finanzjata, li jiddetermina jekk l-attivitajiet tagħha jitqiesux ekonomiċi jew mhux ekonomiċi; hija n-natura ta' l-attività nfisha. Sabiex issir id-distinzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tistrieħ fuq ġabra ta' kriterji relatati mal-kundizzjonijiet tal-funzjonament tas-servizz meqjus, bħall-eżistenza ta' suq, il-prerogattivi ta' l-Istat jew l-obbligi ta' solidarjetà. Fil-prattika, dan ifisser li entità waħda tista' tkun involuta kemm f'attivitajiet ekonomiċi kif ukoll f'attivitajiet mhux ekonomiċi u għalhekk tkun suġġetta għar-regoli tal-kompetizzjoni għal parti mill-attivitajiet tagħha imma mhux għal oħrajn. Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li entità partikolari tista' tkun involuta, fuq in-naħa l-waħda, f'attivitajiet amministrattivi li ma jkunux ekonomiċi, bħall-kompiti tal-pulizija, u min-naħa l-oħra f'attivitajiet purament kummerċjali<sup>5</sup>. Entità tista' wkoll tkun involuta f'attivitajiet mhux ekonomiċi fejn tagħmilha ta' fond ta' karità u fl-istess ħin tikkompeti ma' operaturi oħra għal parti oħra mill-attività tagħha billi twettaq operazzjonijiet finanzjarji jew ta' proprjetà ta' beni immobbli, anki fuq bażi mhux bi qligħ<sup>6</sup>. Skond dan il-metodu funzjonali, kull attività għalhekk trid tiġi analizzata separatament<sup>7</sup>.

Biex servizz partikolari jikkwalifika bħala attività ekonomika skond ir-regoli tas-suq intern (moviment ħieles tas-servizz u libertà ta' stabbiliment), il-karatteristika essenzjali ta' servizz tkun dik li jrid ikun provdut għal remunerazzjoni. Is-servizz, madankollu, mhux bilfors irid jiġiħallas minn dawk li jibbenefikaw minnu. In-natura ekonomika ta' servizz ma tiddependix mill-istatus legali tal-fornitur tas-servizz (bħal entità li ma tagħmilx qligħ) jew min-natura ta' servizz, iżda aktar fuq il-mod li attività partikolari fil-fatt tingħata, tiġi organizzata u

<sup>4</sup> Aktar informazzjoni tinsab fid-dokument ta' ħidma dwar il-persunal dwar il-progress li sar mill-White Paper ta' l-2004 dwar servizzi ta' interess ġenerali SEG(2007) 1515, li hija ppubblikata flimkien ma' din il-Komunikazzjoni.

<sup>5</sup> Kawża C-82/01 Aéroports de Paris [2002].

<sup>6</sup> Kawża C-222/04 Cassa di Risparmio di Firenze [2006].

<sup>7</sup> Kawża C-118/85 Il-Kummissjoni vs L-Italja [1987]. Ipparaguna wkoll il-Kawżi C-205/03 P. Fenin [2006] u T-155/04- Selex [2006] għal sitwazzjoni fejn attivitajiet differenti ma setgħux jiġu analizzati separatament.

ffinanzjata. Fil-prattika, minbarra l-attivitajiet b'rabta ma' l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika, li fuqha ma japplikawx ir-regoli tas-suq intern skond l-Artikolu 45 tat-Trattat tal-KE, ifisser li l-maġġoranza l-kbira tas-servizzi jistgħu jitqiesu bħala “attivitajiet ekonomiċi” fit-tifsira tar-regoli tat-Trattat KE dwar is-suq intern (l-Artikoli 43 u 49).

F'dan l-isfond, f'dawn l-aħħar snin, is-sitwazzjoni tas-servizzi soċjali kienet is-suġġett ta' diskussjoni. Is-servizzi soċjali jistgħu jkunu ta' natura ekonomika jew mhux ekonomika skond l-attività meqjusa. Għalkemm mhumiex definiti, il-Komunikazzjoni ta' l-2006 identifikat żewġ tipi ġenerali ta' servizzi soċjali: l-ewwelnett, skemi statutorji u komplementari tas-sigurtà soċjali, organizzati b'modi differenti (organizzazzjonijiet reċiproċi jew okkupazzjonali), li jkopru r-riskji ewlenin tal-ħajja, bħal dawk marbuta mas-saħħa, mat-tixjiħ, ma' l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, mal-qgħad, ma' l-irtirar u mad-diżabbiltà; it-tieninnett, servizzi oħra provduti direttament lill-persuna bħal servizzi ta' għajjnuna soċjali, servizzi ta' impjeg u ta' taħriġ, djar soċjali jew kura fit-tul. Dawn is-servizzi huma tipikament organizzati fuq livell lokali u huma ferm dipendenti fuq il-finanzjament pubbliku.

## 2.2. Il-metodu: biex jintlaħqu għanijiet ta' interess pubbliku f'suq uniku

Jekk servizz ta' interess ġenerali jitqies bħala wieħed ekonomiku, ikun suġġett għal regoli tas-suq intern u tal-kompetizzjoni. Dan jista' jwassal għal mistoqsijiet dwar jekk l-applikazzjoni sħiħa ta' dawn ir-regoli tkunx kompatibbli ma' l-insewiment tal-missjonijiet speċifiċi ta' interess ġenerali assenjati lis-servizz. Fuq il-livell tat-Trattat, dawn is-sitwazzjonijiet jiġu indirizzati mill-Artikolu 86(2) kif ġew interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>8</sup>. Din tippovdi li s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fil-prinċipju jkunu suġġetti għall-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat. Madankollu, fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli tostakola t-tweqqif, fil-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari ta' interess ġenerali assenjati lilhom, dawn is-servizzi jistgħu jibbenefikaw minn deroga mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat, sakemm jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet, prinċipalment rigward il-proporzjonalità tal-kumpens ipprovdut lill-intrapriżi fdati bit-tħaddim ta' dawn is-servizzi.

Kif ġie enfasizzat fil-White Paper ta' l-2004, il-Kummissjoni tqis li l-għanijiet ta' l-iżvilupp ta' servizzi ta' kwalità għolja, aċċessibbli, u għall-bwiet ta' kulħadd ta' interess ekonomiku ġenerali u ta' suq intern miftuħ u kompetittiv huma kompatibbli u għandhom jagħtu appoġġ lil xulxin. Pereżempju, l-esperjenza fis-setturi tat-telekomunikazzjonijiet u tat-trasport, jew fuq livell lokali (eż. l-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku) turi li s-swieq li huma miftuħin għall-kompetizzjoni jikkontribwixxu għal titjib fl-effiċjenza, fi prezzijiet għall-bwiet ta' kulħadd u fl-għażla tas-servizzi offruti. Fl-istess ħin, jistgħu jinżammu dispożizzjonijiet speċifiċi sabiex ikun żgurat li jintlaħaq bilanċ. Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta l-għotja ta' drittijiet esklussivi jew speċjali għal uħud mis-servizzi, kif ukoll miżuri maħsuba sabiex jirregolaw swieq, bħal rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, sakemm ikunu ġustifikati minn għanijiet ta' interess pubbliku u jkunu proporzjonati għall-għanijiet insewiti<sup>9</sup>. Fil-liġi sekondarja, l-eżerċizzju ta' għanijiet ta' interess pubbliku mis-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kuwa wkoll ikkunsidrat fid-Direttiva dwar is-Servizzi<sup>10</sup>.

<sup>8</sup> Kawża C-320/91, Corbeau, [1993], ECR I-2533, Kawża C-393/92, Almelo [1994] ECR I-1477, Kawżi maqgħuda C-157/94 - C-160/94, Il-Kummissjoni vs l-Olanda, [1997], ECR I-5699, Il-Kummissjoni vs l-Italja [1997], ECR I-5789, Il-Kummissjoni vs Franza [1997], ECR I-5815, Il-Kummissjoni vs Spanja [1997], ECR I-5851.

<sup>9</sup> Per eżempju l-kawża C-70/95, Sodemare [1997] ECR I-3395, Kawżi maqgħuda C-282/04 u C-283/04, il-Kummissjoni kontra l-Olanda [2006].

<sup>10</sup> Aktar informazzjoni tinstab fid-dokument SEG(2007) 1515.

Il-ħila li l-provvista ta' servizzi ta' interess ġenerali tkun ikkombinata ma' l-iżvilupp ta' suq uniku Ewropew hija deskritta partikolarment sew mis-sensiliet ta' politiki speċifiċi għas-setturi li ġew żviluppjati sa minn kmieni fis-snin 90 tas-seklu 20 għall-industriji netwerk bħas-servizzi tat-telekommunikazzjonijiet, ta' l-enerġija, tat-trasport u s-servizzi postali, li llum jirrappreżentaw aktar minn 7% tal-PGD u 5% ta' l-impjiegi totali fl-UE. Il-ftuħ gradwali ta' dawn is-setturi għall-kompetizzjoni mexxa pari passu mad-definizzjoni ta' numru ta' obbligi tas-servizz pubbliku għal kull settur, fejn ikopri aspetti bħas-servizz universali, id-drittijiet tal-konsumaturi u ta' l-utenti, u t-tħassib dwar is-saħħa u s-sikurezza. Dawn l-oqfsa settorjali jispeċifikaw ukoll l-ambitu ta' intervent ta' politika pubblika fir-regolamentazzjoni ta' dawn in-netwerks, b'referenza partikolari għar-rwol ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Dawn l-oqfsa speċifiċi għas-setturi qegħdin jiġu modernizzati fid-dawl ta' l-iżviluppi teknoloġiċi jew ta' l-isfidi globali, bħall-bidla klimatika, u minħabba tkabbir suċċessiv li ħoloq aktar diversità fil-metodu ta' l-Istati Membri rigward servizzi ta' interess ġenerali.

### 2.3. Is-sitwazzjoni partikolari tas-servizzi soċjali

F'April 2006, il-Kummissjoni tat bidu għal konsultazzjoni wiesgħa ma' l-Istati Membri, mal-fornituri tas-servizzi u ma' l-utenti tas-servizzi sabiex tifhem aħjar in-natura ta' dawn is-servizzi min-naħa għall-oħra ta' l-UE u tivvaluta l-esperjenza tal-partijiet interessati fl-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji<sup>11</sup>.

Għalkemm il-funzjonijiet u l-organizzazzjoni tas-servizzi soċjali jvarjaw ferm, il-konsultazzjoni enfasizzat l-importanza li għandhom sabiex jintlaħqu l-għanijiet bażiċi ta' l-UE bħall-kisba ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, livell għoli ta' impjiegi, inklużjoni soċjali u tkabbir ekonomiku, kif ukoll l-interkonnessjoni mill-qrib tagħhom mar-realitajiet lokali.

#### Għanijiet u prinċipji ta' organizzazzjoni tas-servizzi soċjali

*Ta' spiss ikun hemm il-ħsieb li s-servizzi soċjali jilhqnu numru ta' għanijiet speċifiċi:*

- *huma servizzi orjentati lejn il-persuna, imfassla sabiex iwieġbu għal ħtiġiet vitali tal-bniedem, b'mod partikolari l-ħtiġiet ta' utenti li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli; jipprovdu ħarsien minn riskji ġenerali u speċifiċi tal-ħajja u jgħinu fl-isfidi jew fil-kriżijiet personali; jiġu provduti wkoll lill-familji f'kuntast ta' mudelli familjari li qed jinbidlu, jappoġġjaw ir-rwol tagħhom fil-kura kemm tal-membri żgħar kif ukoll daww anzjani tal-familja, kif ukoll jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabbiltajiet, u jikkompensaw għal nuqqasijiet possibbli fi ħdan il-familji; huma strumenti ewlenin għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tad-dinjità tal-bniedem;*
- *għandhom rwol preventiv u li jgħaqqad soċjalment, li huwa mmirat lejn il-popolazzjoni kollha, indipendentement mill-ġid jew mid-dħul;*
- *jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, għall-ugwaljanza bejn is-sessi, għall-ħarsien ta' saħħet il-bniedem, għat-titjib ta' l-istandards ta' l-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja u sabiex ikun żgurat il-ħolqien ta' opportunitajiet ugwali għal kulħadd, biex b'hekk titkabbar il-ħila ta' l-individwi li jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà.*

*Dawn l-għanijiet huma riflessi fil-modi li bihom dawn is-servizzi jiġu organizzati, jingħataw jew jiġu ffinanzjati:*

<sup>11</sup> KUMM(2006) 177, 26.4.2006. Il-proċess ta' konsultazzjoni kien jinkludi t-tnedija ta' kwestjonarju mill-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali, il-preparazzjoni ta' studju ta' konsulenza dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali u rapport minn grupp ta' esperti legali.

- *sabiex ikunu indirizzati l-ħtiġijiet multipli tal-persuni bħala individwi, is-servizzi soċjali għandhom ikunu komprensivi u personalizzati, maħluqa u mogħtija b'mod integrat; ta' spiss jinvolvu relazzjoni personali bejn ir-riċevent u l-fornitur tas-servizz;*
- *id-definizzjoni u l-għotja ta' servizz jridu jqisu d-diversità ta' l-utenti;*
- *meta jkun bħala tweġiba għall-ħtiġiet ta' utenti vulnerabbli, is-servizzi soċjali ta' spiss ikunu ikkaratterizzati minn relazzjoni assimetrika bejn il-fornitur u l-benefiċjarji li hija differenti minn relazzjoni bejn fornitur kummerċjali u konsumatur;*
- *billi ħafna drabi dawn is-servizzi jkollhom l-għeruw tagħhom fi tradizzjonijiet kulturali, jintgħażlu soluzzjonijiet imfassla għall-każ partikolari b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tas-sitwazzjoni lokali, li jggarantixxu prossimità bejn il-fornitur tas-servizz u l-utent filwat li jiżfuraw aċċess ugwali tas-servizzi mit-territorju kollu.*
- *il-fornituri tas-servizzi ta' spiss jeħtieġu awtonomija kbira sabiex jindirizzaw il-varjetà u n-natura li tevolve tal-ħtiġiet soċjali;*
- *dawn is-servizzi ġeneralment ikunu gwidati mill-prinċipju tas-solidarjetà u huma ferm dipendenti fuq il-finanzjament pubbliku, sabiex tkun żgurata ugwalianza ta' aċċess, indipendenti mir-rikkezza jew mid-dħul;*
- *ta' spiss il-fornituri mhux bi qligħ kif ukoll ħaddiema volontarji jkollhom rwol fl-għoti tas-servizzi soċjali, biex h'hekk jesprimu l-ħila taċ-ċittadinanza u jagħtu kontribut għall-inklużjoni soċjali, għall-koeżjoni soċjali tal-komunitajiet lokali u għas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.*

Il-konsultazzjoni enfasizzat ukoll il-fatt li dawn is-servizzi huma kollha involuti fi proċess importanti ta' modernizzazzjoni sabiex iwiegħbu aħjar għal sfidi ġodda bħall-ħtiġiet li qed jinbidlu taċ-ċittadini Ewropej u l-impatt tat-tixjijih, filwaqt li fl-istess ħin jiffaċċjaw limiti finanzjarji. Dan il-proċess ta' spiss irriżulta f'bidliet profondi fil-mod li bih dawn is-servizzi jiġu organizzati, ipprovduti u ffinanzjati, inkluża l-emerġenza ta' oqsma ġodda ta' azzjoni, l-użu tad-delegazzjoni (outsourcing) ta' servizzi li qabel kienu jipprovduhom direttament l-awtoritajiet pubbliċi u żjieda fid-devoluzzjoni tal-kompetenzi fuq il-livell lokali. L-effett ikkombinat ta' dawn il-bidliet huwa li numru dejjem ikbar ta' attivitajiet imwettqa kuljum mis-servizzi soċjali issa qed jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-KE.

L-effett kollu ta' dawn il-bidliet huwa li għadd dejjem jikber ta' attivitajiet li jitwettqu ta' kuljum mis-servizzi soċjali issa jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-KE safejn ikunu kkunidrati ta' natura ekonomika. L-awtoritajiet lokali u l-fornituri ż-żgħar b'mod partikolari jista' ma jkollhomx kuxjenza u informazzjoni dwar ir-regoli ta' l-UE, li jista' jwassal għal konfużjoni u għal applikazzjoni ħażina tar-regoli fil-prattika. L-awtoritajiet lokali u l-fornituri żgħar, b'mod partikolari, jista' jonqoshom l-għarfien u l-informazzjoni dwar ir-regoli ta' l-UE, u dan jista' jwassal għal nuqqas ta' ftehim u applikazzjoni ħażina tar-regoli fil-prattika. B'mod partikolari, xi drabi l-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri tas-servizzi fil-qasam soċjali jkun anqas konxji minn setturi oħra dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' l-Artikolu 86(2) li jidher hawn fuq. L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 86(2) teħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw ċerti kundizzjonijiet bażiċi li ġew żviluppati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li ġew deskritti mill-Kummissjoni, prinċipalment fit-testi dwar l-għajnuna mill-Istat li ġew adottati wara s-sentenza Altmark, li fil-prattika jeżenta min-nofitika l-maġġoranza kbira tas-servizzi li jitwettqu fil-livell lokali. Fost dawn il-kundizzjonijiet, irid jiġi assenjat mandat ċar mill-awtorità pubblika kompetenti lill-fornitur tas-servizz rigward it-tħaddim tas-servizz in kwistjoni. Għalhekk huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw li tali adozzjoni ta' atti ta' fiduċja effettivament issir għas-servizzi kollha ta' interess ekonomiku ġenerali, inkluża l-provvista ta' servizzi soċjali, sabiex tkun provduta ċertezza u trasparenza legali adegwata fil-konfront taċ-ċittadini.

Kif se jiġi spjegat fil-qosor aktar 'il quddiem, il-Kummissjoni hija impenjata li ttipprovi spjegazzjonijiet dwar ir-regoli applikabbli u li tgħin fil-proċess ta' modernizzazzjoni li fih huma involuti s-servizzi soċjali, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà u r-responsabbiltajiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali.

#### 2.4. Is-sitwazzjoni partikolari tas-servizzi tas-saħħa

Is-servizzi tas-saħħa huma wkoll parti minn qafas aktar ġenerali ta' servizzi ta' interess ġenerali. L-Artikolu 152 tat-Trattat jagħmilha ċara li azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa trid tirrispetta r-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għall-organizzazzjoni, għall-finanzjament u għall-għotja tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. B'mod parallel għall-ħidma fuq is-servizzi soċjali, il-Kummissjoni dan l-aħħar għamlet konsultazzjoni miftuħa rigward l-azzjoni Komunitarja u d-diffikultajiet possibbli bl-applikazzjoni tal-liġi tal-KE<sup>12</sup>. Hija tippjana li tressaq proposti li jistabbilixxu qafas għal servizzi tas-saħħa transkonfinali li jkunu sikuri, ta' kwalità għolja u effiċjenti, anke b'kunsiderazzjoni għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa ta' l-Unjoni Ewropea" adottati f'Ġunju 2006.

### 3. IL-PROTOKOLL: QAFAS KOERENTI GĦAL AZZJONI TA' L-UE

Il-Protokoll anness mat-Trattat ta' Lisbona jipprovi qafas koerenti li se jiggwida l-azzjoni ta' l-UE u jagħmilha ta' referenza għal-livelli kollha ta' governanza. Billi jiċċara l-prinċipji u jistabbilixxi l-valuri komuni wara l-politiki ta' l-UE, jagħti viżibbiltà, trasparenza u ċarezza lill-metodu ta' l-UE applikabbli għas-servizzi ta' interess ġenerali.

#### Protokoll dwar servizzi ta' interess ġenerali

*Il-konferenza intergovernattiva li ltaqgħet f'Lisbona f'Ottubru 2007 qablet li żżid il-Protokoll li ġej bħala anness tat-Trattat ta' Lisbona<sup>13</sup>:*

*"Il-Partijiet Kontraenti Għoljin,*

*Filwaqt li jixtiequ jenfasizzaw l-importanza tas-servizzi ta' interess ġenerali,*

*Qablu dwar id-dispożizzjonijiet interpretattivi li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar l-Iffunzjonar ta' l-Unjoni:*

*Artikolu 1*

*Il-valuri kondiviżi ta' l-Unjoni rigward is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fit-tifsira ta' l-Artikolu 14 dwar l-Iffunzjonar ta' l-Unjoni Ewropea jinkludu b'mod partikolari:*

*- ir-rwol essenzjali u d-diskrezzjoni wiesgħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jipprovi, jikkummissjonaw, u jorganizzaw servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali mill-aktar qrib possibbli għall-ħtiġiet ta' l-utenti;*

*- id-diversità bejn is-servizzi differenti ta' interess ekonomiku ġenerali u d-differenzi fil-ħtiġiet u fil-preferenzi ta' l-utenti li jistgħu jirriżultaw minn sitwazzjonijiet ġeografiċi, soċjali jew kulturali differenti;*

*- livell għoli ta' kwalità, ta' sikurezza u ta' prezzijiet għall-bwiet ta' kulħadd, trattament ugwali u l-promozzjoni ta' l-aċċess universali u tad-drittijiet ta' l-utenti.*

<sup>12</sup> SEG(2006) 1195, 26.9.2006.

<sup>13</sup> Il-kwotazzjoni li ġejja hija mingħajr ħsara għall-verżjoni finali tat-Trattat li dalwaqt għandu jiġi ffirmat u għat-traduzzjoni tiegħu fl-ilsna uffiċjali ta' l-UE.

## Artikolu 2

*Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati ma jaffetwaw bl-ebda mod il-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jipprovdwu, jikkummissjonaw u jorganizzaw servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali”.*

Il-Protokoll jibni fuq, u jisħaq mill-ġdid fuq, numru ta' prinċipji aktar operattivi li jiggwidaw ħidmet l-istituzzjonijiet ta' l-UE u b' mod partikolari dik tal-Kummissjoni, b'hal:

- *Ir-rwol u d-diskrezzjoni wiesgħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fit-tħaddim ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali mill-aktar qrib possibbli għall-ħtiġiet ta' l-utenti:* Is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali għandhom ikunu reattivi u jingħataw mill-aktar qrib possibbli liċ-ċittadini u lin-negozji. L-azzjoni ta' l-UE għandha tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri huma ħielsa li jiddefinixxu dak li jqsu li huma s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u għandhom diskrezzjoni wiesgħa biex jiddeċiedu kif jorganizzaw, jirregolaw u jiffinanzjaw dawn is-servizzi, skond il-liġi ta' l-UE u fi ħdan il-limiti ta' żball manifest. B' mod partikolari, ir-regoli tal-kompetizzjoni u r-regoli tas-suq intern ma japplikawx għal attivitajiet mhux ekonomiċi.
- *Ir-rispett tad-diversità tas-servizzi, tas-sitwazzjonijiet, u tal-ħtiġiet u tal-preferenzi ta' l-utenti:* Id-differenzi bejn id-diversi servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u l-ħtiġiet u l-preferenzi differenti taċ-ċittadini, ta' l-utenti u tal-konsumaturi li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet ekonomiċi, soċjali, ġeografiki, kulturali u fiżiċi differnti għandhom jiġu rispettati. Id-diversità li tikkaratterizza tali sitwazzjonijiet, is-sitwazzjonijiet fejn jiġu provduti, il-karatteristiċi tal-fornituri tas-servizzi u l-ħtieġa għal flessibbiltà sabiex is-servizzi jiġu adattati għal ħtiġiet differenti għandhom jitqiesu b' mod xieraq: dan huwa partikolarment rilevanti fil-każ tas-servizzi soċjali. Ir-regolamentazzjoni rilevanti għandha tkun aġġornata regolarment sabiex tkopri l-iżviluppi l-ġodda li jkun hemm maż-żmien, b'hal-innovazzjoni teknoloġika.
- *Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità, ta' sikurezza u ta' prezzijiet għall-bwiet ta' kulħadd:* Il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li jkunu ta' kwalità għolja, sikuri u għall-bwiet ta' kulħadd huwa għan essenzjali ta' l-azzjoni ta' l-UE. Din tinkludi l-aċċess għas-servizzi, inklużi s-servizzi transkonfinali; il-valur għall-flus u livell finanzjarju tas-servizzi li jintlaħaq mill-bwiet ta' kulħadd, inklużi l-iskemi speċjali għall-persuni bi dħul baxx u bi ħtiġiet speċjali, li huwa partikolarment importanti fil-każ tas-servizzi soċjali; is-sikurezza fiżika, l-affidabbiltà u l-kontinwità; il-kwalità għolja u l-għażla; it-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni mill-fornituri u mir-regolaturi. Fejn ikun xieraq biex l-UE taġixxi, l-istrumenti ta' l-UE speċifiċi għas-settur għandhom jistabbilixxu regoli li jiżguraw il-kwalità, is-sigurtà u s-sikurezza tal-prodotti u tas-servizzi għall-konsumaturi u għall-utenti b' mod ġenerali, kif ukoll għall-persuni kollha involuti fil-produzzjoni tagħhom.
- *Ikun żgurat trattament ugwali u tingħata promozzjoni lil aċċess universali:* L-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali huwa rikonoxxut bħala dritt fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE. Dan jinkludi li jkun żgurat trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fl-aċċess għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Fejn regola ta' l-UE speċifika għal settur tkun ibbażata fuq il-kunċett ta' servizz universali, għandha tistabbilixxi d-dritt ta' kulħadd li jkollu aċċess għal ċerti servizzi meqjusa bħala essenzjali u għandha timponi obbligi fuq il-fornituri tas-servizzi sabiex joffru servizzi definiti skond kundizzjonijiet speċifiċi, inklużi koperatura

sħiħa tat-territorju u bi prezz għall-bwiet ta' kulħadd. Is-servizz universali jipprovdi għal ġabra minima ta' drittijiet u ta' obbligi, li bħala regola ġenerali jista' jkun żviluppat aktar fuq livell nazzjonali. Huwa kunċett dinamiku, li jeħtieġ li jiġi aġġornat regolarment settur b'settur. Il-promozzjoni ta' l-aċċess fit-territorju kollu ta' l-Unjoni huwa essenzjali għall-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali fl-UE, kif issemma aktar 'il fuq fil-każ tas-servizzi soċjali. It-territorji b'nuqqas ġeografiku jew naturali, bħar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-gżejjer, il-muntanji, iż-żoni li ma tantx huma popolati u l-fruntieri esterni, ta' spiss jiffaċċjaw sfidi f'termini ta' aċċess għas-servizzi ta' interess ġenerali, minħabba l-bogħod li għandhom mis-swieq ewlenin jew minħabba ż-żjieda fl-ispiża biex ikun hemm konnessjoni. Dawn il-ħtiġiet speċifiċi jridu jitqiesu.

- *Is-sostenn tad-drittijiet ta' l-utenti*: Id-drittijiet taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u ta' l-utenti għandhom ikunu speċifikati, promossi u sostnuti. Il-ħila tal-konsumaturi u ta' l-utenti, inklużi l-persuni vulnerabbli jew b'diżabbiltà; li jieqfu għal drittijietom, speċjalment id-dritt tagħhom għal aċċess, ta' spiss teħtieġ l-eżistenza ta' regolaturi indipendenti bi staff adattat u b'segħat u bi dmirijiet iddefiniti b'mod ċar. Dawn jinkludu s-setgħat ta' sanzjoni, b'mod partikolari l-ħila li jiġu monitorjati t-traspożizzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet ta' servizz universali. Dawn jeħtieġu wkoll dispożizzjonijiet għar-rappreżentazzjoni u għall-parteċipazzjoni attiva tal-konsumaturi u ta' l-utenti fid-definizzjoni u fl-evalwazzjoni tas-servizzi, id-disponibbiltà ta' kumpens xieraq u ta' mekkaniżmi ta' kumpens, u l-eżistenza ta' klawżola ta' analiżi li tippermetti li r-rekwiżiti jiġu adattati maż-żmien biex jirriflettu żviluppi soċjali, teknoloġiċi u ekonomiċi ġodda. Ir-regolaturi għandhom ukoll jimmonitorjaw l-iżviluppi fis-suq u jipprovdu data għal finijiet ta' evalwazzjoni.
- *Servizzi mhux ekonomiċi*: Kif issemma aktar 'il fuq, dawn is-servizzi mhumiex suġġetti għal leġiżlazzjoni ta' l-UE speċifika, u lanqas mhuma koperti mir-regoli tas-suq intern u tal-kompetizzjoni tat-Trattat.

Sakemm jidħol fis-seħħ it-Trattat il-ġdid, li se jagħti l-effett legali lid-dispożizzjonijiet il-ġodda, il-Kummissjoni bi ħsiebha tuża l-Protokoll u l-prinċipji bħala livell ta' referenza sabiex tikkontrolla l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-politiki u ta' l-inizjattivi ta' l-UE.

#### 4. NIMXU 'L QUDDIEM

Fuq il-bażi tal-Protokoll, u skond il-metodu tal-Parlament, il-Kummissjoni se tkompli tikkonsolida l-qafas ta' l-UE applikabbli għas-servizzi ta' interess ġenerali, inkluż għas-servizzi soċjali u tas-saħħa, billi tipprovdi soluzzjonijiet konkreti għal problemi konkreti fejn jeżistu. Bil-progress li sar, l-attenzjoni għandha tkun ikkonċentrata dejjem aktar fuq it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni t-tajbin tar-regoli ta' l-UE, b'enfasi akbar fuq il-monitoraġġ tar-riżultati għall-utenti u għall-konsumaturi, it-tixrid ta' l-informazzjoni u l-iskambju tal-prattiki, il-monitoraġġ ta' l-infurzar u l-evalwazzjoni tar-rendiment. Il-Kummissjoni tipprevedi taħlita ta' azzjonijiet speċifiċi għas-setturi u speċifiċi għall-kwistjonijiet tul it-tliet assi li ġejjin:

##### 4.1. Il-provvista ta' gwida legali dwar kwistjonijiet trasversali

Il-Kummissjoni hija konxja li l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali tista' tagħti lok għal mistoqsijiet u li numru ta' kjarifiki jew ta' spjegazzjonijiet legali dwar ir-regoli ta' l-UE huma regolarment imfittxija fid-diversi oqsma. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija impenjata li tagħti l-opportunità lill-utenti u lill-

prattikanti biex jiksbu tweġibiet għal mistoqsijiet prattiċi, spjegazzjonijiet u interpretazzjonijiet malajr. It-tweġibiet għall-mistoqsijiet imqajma se jkunu pubblikati u permezz ta' sit web apposta se jkun ipprovdut aġġornament xieraq li jirrifletti l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fuq bażi regolari. Bħala l-ewwel eżempju, sett ta' tweġibiet ippubblikati flimkien ma' din il-Komunikazzjoni li jwieġbu kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' l-akkwisti pubbliċi u r-regoli ta' għajnuna mill-Istat, prinċipalment dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali<sup>14</sup>.

#### **Servizz ta' informazzjoni interattiv**

*Dalwaqt se jiġi stabbilit servizz onlajn apposta u interattiv għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini, tal-fornituri tas-servizzi, ta' l-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet interessati kollha biex jipprovidi informazzjoni u jippermettilhom isaqsu mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE. It-tweġibiet għal mistoqsijiet li jsiru frekwentement, ibda bil-mistoqsijiet li jsiru fil-kuntest tal-konsultazzjoni dwar is-servizzi soċjali, se jitqiegħdu fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tistenna li dan l-istrument jista' jgħin lill-atturi fuq livelli lokali u reġjonali, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi soċjali, sabiex jiżviluppaw fehim tajjeb tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-UE, u li maż-żmien il-mistoqsijiet rilevanti kollha li jsiru fil-prattika se jkunu koperti b'mod prattiku u li jiffavorixxi lill-utent.*

Fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat, id-deċizzjoni u l-qafas dwar l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku li ġie adottat fl-2005 (ta' spiss jissejjaħ il-“pakkett ta' Altmark”<sup>15</sup>) diġà għamel kontribuzzjoni sinifikanti għas-semplifikazzjoni tar-regoli applikabbli, skond prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar. Dawn it-testi jirrispettaw b'mod sħiħ il-libertà wiesgħa ta' l-Istati Membri biex jiddefinixxu l-kompiti tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Dawn jagħtu l-opportunità lill-Istati Membri biex jiżguraw dawn il-missjonijiet permess ta' att ta' fiduċja, u li jikkompensaw għall-ispejjeż netti kollha li jsiru mill-kumpaniji inkarigati minn tali servizzi. F'dan il-kuntest, is-separazzjoni tal-kontijiet tagħti l-possibiltà li tintlaħaq trasparenza u jiġi evitat kumpens żejjed. Barra minn hekk, il-kumpensi għal servizzi li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet huma għalkollox eżentati min-notifika, sakemm l-ammont tagħhom ikun iċken minn EUR 30 miljun fis-sena, jew saħansitra mingħajr limiti fil-qasam tad-djar soċjali u ta' l-isptarijiet. Fil-prattika dan jeżenta min-notifika l-parti l-kbira tas-servizzi mwettqa fuq il-livell lokali. Il-Kummissjoni se tevalwa u tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-pakkett dwar l-għajnuna mill-Istat sa tmiem l-2009 u se tqis jekk taggornahx f'dan il-kuntest.

Fil-qasam tas-sħubiji u tal-konċessjonijiet bejn il-pubbliku u l-privat, hemm numru ta' kwistjonijiet pendenti u/jew emerġenti. Il-Kummissjoni dalwaqt se tippreżenta Komunikazzjoni interpretattiva dwar is-sħubija istituzzjonalizzati bejn il-pubbliku u l-privat bil-għan li jiġu ċċarati r-regoli applikabbli. Fuq il-bażi tar-risultati ta' valutazzjoni ta' impatt, il-Kummissjoni qed tqis ukoll aktar passi sabiex tiċċara r-regoli applikabbli għall-konċessjonijiet. Saru wkoll talbiet sabiex jiġu spjegati aħjar ir-regoli applikabbli għall-akkwist pubbliku wara d-dħul fis-seħħ tad-direttivi l-ġodda f'Jannar 2006. Il-kaxxa ta' strumenti li ġiet ippreżentata aktar 'il fuq għandha tipprovidi aktar ċarezza.

Dawn l-isforzi se jikkomplementaw l-inizjattivi aktar ġenerali li għaddejjin bħalissa sabiex jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u jiġu żviluppatti strumenti ta' komunikazzjoni wara l-analiżi tas-suq uniku, bħall-ħolqien ta' “servizz ta' għajnuna f'suq uniku” ta' l-UE.

<sup>14</sup> Ara SEG(2007) 1514 u SEG(2007) 1516 rispettivament.

<sup>15</sup> Aktar informazzjoni dwar il-“pakkett Altmark” tinstab fid-dokument SEG(2007) 1515.

#### 4.2. Il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp ta' politiki speċifiċi għas-settur

Il-Kummissjoni hija impenjata li tinsegwi u tiżviluppa l-metodu settorjali tagħha billi, fejn ikun xieraq, tippromovi inizjattivi speċifiċi għas-setturi li jkunu r-rekwiżiti u s-sitwazzjonijiet speċifiċi ta' kull settur, u jirriflettu l-prinċipji stabbiliti fil-Protokoll previst. Numru ta' oqfsa speċifiċi għas-setturi applikabbli għall-industriji netwerk diġà ġew stabbiliti fuq il-livell ta' l-UE. Madankollu, f'suq uniku dinamiku u li qed jevolvi kostantement, fis-snin li ġejjin jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu aġġornati.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni se:

- *fil-qasam ta' l-enerġija*: issegwi l-miżuri sabiex tiżgura li s-suq intern ta' l-enerġija propost f'Settembru 2007 jiġi kompletat, kif ukoll l-abbozz tal-Karta Ewropea dwar id-drittijiet tal-konsumaturi ta' l-enerġija;
- *fil-qasam tat-trasport*: issegwi l-proposta tagħha ta' Lulju 2006 biex il-leġiżlazzjoni tas-suq uniku għall-avjazzjoni tiġi modernizzata; timmonitorja l-implimentazzjoni tat-“tielet pakkett ferrovjarju” u r-regolamentazzjoni riveduta dwar is-servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri issa li ntlaħaq ftehim;
- *fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (e-communications)*: issegwi l-proposti tagħha dwar l-analiżi tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi (inklużi t-telefons fissi, l-aċċess għal telefons ċellulari u għall-broadband, u t-trażmissjoni tal-kontenut tax-xandir) u tippubblika Komunikazzjoni dwar kwistjonijiet fit-tul fil-qasam tas-servizz universali fil-komunikazzjonijiet elettroniċi;
- *fil-qasam tas-servizzi postali*: tagħti għajjnuna lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni tad-direttiva sabiex ikun ikkometat is-suq intern postali ta' l-UE;
- *fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa*: tippjana li tippreżenta proposti li jistabbilixxu qafas għal servizzi tal-kura tas-saħħa sikuri, ta' kwalità għolja u effiċjenti;
- *fil-qasam tas-servizzi soċjali*: jiġu żviluppati l-azzjonijiet enfasizzati fil-kaxxa.

#### **Strateġija biex tiġi appoġġjata l-kwalità tas-servizzi soċjali min-naħa għall-oħra ta' l-UE**

*Il-konsultazzjoni dwar is-servizzi soċjali enfasizzat il-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-promozzjoni u l-kwalità tas-servizzi soċjali tiġi promossa b'mod aktar sistematiku. Il-Fond Soċjali Ewropew u l-ERDF diġà jipprovdu appoġġ finanzjarju dirett lil numru ta' servizzi. Il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni għall-ħarsien soċjali u għall-inklużjoni soċjali jistabbilixxi qafas ta' politika għall-insewiment tar-riformi u għall-iskambju ta' prattiki tajba. B'bażi fuq din l-esperjenza, il-Kummissjoni ser tappoġġja l-iżvilupp, fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, ta' qafas ta' kwalità ta' l-UE volontarju li jipprovdi linji gwida dwar il-metodoloġija li tistabbilixxi, ssegwi u tevalwa l-istandard tal-kwalità. Barra minn hekk, permezz tal-programm PROGRESS, il-Kummissjoni ser tappoġġja inizjattivi bejn entitajiet Ewropej li jkunu mill-qiegħ 'il fuq, immirati għall-iżvilupp standards ta' kwalità volontarji u l-iskambju ta' esperjenza u ser jipromwovu t-taħriġ ta' l-awtoritajiet pubbliċi fil-qasam ta' l-akkwisit pubbliċi.*

#### 4.3. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

Il-Kummissjoni tqisha importanti, għall-kwalità u għat-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, li twettaq b'mod regolari evalwazzjoni approfondita u tiżvela l-metodoloġija u r-

riżultati tagħha, sabiex ikunu miftuħa għal skrutinju. Dan ġeneralment isir fuq bażi ta' settur settur.

L-istrumenti l-ġodda għall-monitoraġġ tas-suq li ġew ippreżentati fir-rapport finali dwar l-analiżi tas-suq uniku, bħall-istabbiliment ta' tabella ta' valutazzjoni għall-konsumaturi, huma pass 'il quddiem fl-evalwazzjoni tar-rendimenti. Sa mill-pubblikazzjoni tal-White Paper ta' l-2004, sar progress biex tkun żviluppata evalwazzjoni trans-settorjali ta' l-industriji netwerk fuq livell ta' l-UE. Din il-metodoloġija qed tiġi analizzata u fl-2008 il-Kummissjoni se tippreżenta l-proposti tagħha għal titjib.

Saret talba speċifika lill-Kummissjoni biex tippreżenta quddiem il-Parlament analiżi komprensiva ta' l-effetti li kellha s'issa l-“liberalizzazzjoni”. Il-Kummissjoni se tqis din it-talba fir-reviżjoni tal-metodoloġija tagħha u se twettaq din l-analiżi fil-kuntest tar-rapport ta' evalwazzjoni tas-servizzi netwerk regolari tagħha.

Il-Kummissjoni se tanalizza wkoll il-progress bl-applikazzjoni tal-Protokoll, ladarba t-Trattat il-ġdid ikun daħal fis-seħħ. Barra minn hekk, hija ser toħroġ rapport speċjali dwar is-servizzi soċjali kull sentejn li jservi ta' strument ta' skambju mal-partijiet interessati.

## 5. KONKLUŻJONI

F'dan l-istadju importanti fl-iżvilupp ta' l-UE, sakemm jidhrol fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, huwa kruċjali li jkun żgurat li jkun hemm viżjoni kondiviża ta' l-inizjattivi li għandhom jiġu insegwiti sabiex jinkisbu riżultati konkreti għall-Ewropej. Dan huwa l-metodu wara l-Aġenda taċ-Ċittadini<sup>16</sup> li kienet ippreżentata mill-Kummissjoni.

Il-metodu ta' l-UE rigward is-servizzi ta' interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali u tas-saħħa, hija essenzjalment prammatika. Jirrefletti d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn il-livelli differenti ta' tmexxija fl-UE. Jirrefletti d-diversità u l-ispeċifità ta' dawn is-servizzi. Fejn jiġu stabbiliti oqfsa speċifiċi għas-setturi, dan sar għaliex hemm valur miżjud Ewropew ċar. Dawn l-oqfsa jiġu riveduti regolarment sabiex jirriflettu żviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi ġodda. L-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE tiġi monitorjata skond it-Trattat KE u tiġi regolarment riveduta sabiex jitqiesu realtati ġodda. F'oqfsa li jistgħu jitqiesu problematiċi, saret konsultazzjoni attiva jew għaddejja waħda bħalissa sabiex jiġu identifikati u solvuti kwistjonijiet pendenti jew emerġenti.

Id-diskussjonijiet li nbdew bil-White Paper ta' l-2004 kienu partikolarment ta' għajjnuna sabiex iwasslu għal fehim aktar ċar tar-rwol u tal-metodu ta' l-UE rigward is-servizzi ta' interess ġenerali. Id-dibattitu li segwa u l-fehmiet ta' l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra wrew li, minkejja d-differenzi ta' opinjoni, hemm fehim ġenerali dwar numru ta' prinċipji li jiggwidaw l-azzjoni ta' l-UE. L-esperjenza ta' oqfsa speċifiċi għas-setturi provdied ukoll bażi prattika għall-identifikazzjoni ta' prinċipji ewlenin li jistgħu jiġu applikati għas-servizzi ta' interess ġenerali ma' l-Ewropa kollha.

Il-Protokoll u d-dispożizzjonijiet riveduti tat-Trattat il-ġdid jibnu fuq din id-diskussjoni u fuq din l-esperjenza, u jimmarkaw impenn Ewropew ġdid. Għaxar snin wara l-ewwel Komunikazzjoni fuq il-livell ta' l-UE, tliet snin wara l-White Paper, jirriflettu l-kunsens wiesa' min-naħa għall-oħra ta' l-UE madwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet ta' l-UE. Issa li l-

---

<sup>16</sup> KUMM(2006) 211, 10.5.2006.

qafas ta' l-UE ġie konsolidat mill-Protokoll, huwa żmien li niffokaw fuq l-implimentazzjoni. Fuq din il-bażi, flimkien ma' azzjoni fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, il-Kummissjoni hija determinata li tgħin sabiex ikunu żgurati ċ-ċarezza, il-koerenza u l-pubbliċità tar-regoli ta' l-Ue, sabiex is-servizzi ta' interess ġenerali jistgħu jissodisfaw il-missjonijiet tagħhom u jikkontribwixxu għal kwalità ta' ħajja aħjar għaċ-ċittadini Ewropej.